MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 64/2011/1

**Vassallo Concrete Services Limited (C 46055)**

**v.**

**Direttur Generali (Kuntratti) u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2011 l-isem tal-konvenut gie korrett ghal Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici li gie pprezentat fil-21 ta' Jannar 2011, u li jaqra hekk:

> "1. Illi fit-8 ta' Jannar 2010 gie pubblikat Tender Pubbliku bin-numru ta' referenza CT109/2010, CT2689/2009 rigwardanti l-*Qafas ta' Ftehim ghall-provvista ta' konkos ta' tip ready mix ghall-uzu generali u marittimu f'Malta lit-Taqsima tal-Procurement tad-Dipartiment tal-Kuntratti*;
>
> "2. Illi socjeta' rikorrenti ghamlet offerta sabiex l-istess tender ikun jista' jigi aggudikat lilha (kopja annessa u markata bhala VCS1);
>
> "3. Illi permezz ta' ittra data 24 ta' Gunju 2010 il-konvenut avza lis-socjeta' rikorrenti li l-offerta taghha kienet ser tigi skwalifikata u li t-Tender de quo kien ser jigi aggudikat liz-zewg offerenti l-ohra stante li gie meqjus li l-offerta tas-socjeta' rikorrenti ma kienetx konformi mar-rekwiziti tal-imsemmi Tender senjatament il-paragrafu 3.6(ii) tal-istess Tender li jipprovdi li:
>
>> ""Tenderers who have never been awarded this contract or who have been awarded a previous contract but not in the last five years, are to provide a list of the principal deliveries effected in the past three years with sums, dates and recipients, whether public or private. Evidence of delivery and services shall be given:
>>
>> "- Where the recipient was a contracting authority, in the form of certificates issued or countersigned by the competent authority;
>>
>> "- Where the recipient was a private purchaser, by the purchaser's certification on an official letter head of the pruchaser";

"4. Illi permess ta' ittra datata 2 ta' Lulju 2010 is-socjeta' rikorrenti ipprezentat oggezzjoni formali mill-imsemmija decizjoni ai termini tal-Avviz Legali 177/05 (kopja annessa u markata bhala Dokument VCS2) fejn hija indikat illi r-rekwiziti tal-imsemmi paragrafu gew minnha sodisfatti;

"5. Illi l-oggezzjoni tas-socjeta' rikorrenti giet mismugha mill-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici li b'decisjoni datata 18 ta' Novembru 2010 (kopja annessa u markata bhala Dokument VCS3) cahad l-istess oggezzjoni;

"6. Illi s-socjeta' rikorrenti hassitha aggravata bl-imsemmija decisjoni tal-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici u ghalhekk ai temrini tar-Regolament 84(19) tal-Avviz Legali 177/05 qed taghmel l-odjerna referenza lil din l-Onorabbli Qorti;

"7. Illi, hekk kif ser jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-offerta tas-socjeta' rikorrenti kienet konformi ma' dak rikjest fit-Tender de quo u dana ghar-ragunijiet dettaljat fir-*reasoned letter of objection* tas-socjeta' rikorrenti datata 8 ta' Lulju 2010 (kopja annessa u markata bhala Dokument VCS4);

"8. Illi l-offerta tas-socjeta' rikorrenti kienet l-iktar wahda ekonomikament vantaggjuza u kellha tigi milqugha;

"9. Illi b'konsegwenza tal-iskwalifika ingusta tal-offerta tas-socjeta' rikorrenti, l-istess socjeta' rikorrenti sofriet danni konsistenti inter alia f'telf ta' qliegh futur ghal liema danni huwa responsabbli l-istess konvenut;

"Illi ghalhekk, ghar-ragunijet premessi s-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-offerta tas-socjeta' rikorrenti maghmula ghal-finijiiet tat-Tender CT109/2010, CT2689/2009 rigwardanti l-*Qafas ta' Ftehim ghall-provvista ta' konkos ta' tip ready mix ghall-uzu generali u marittimu f'Malta lit-Taqsima tal-Procurement tad-Dipartiment tal-Kuntratti* kienet tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-istess tender u ghalhekk giet ingustament skwalifikata;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi illi b'konsegwenza ta' tali skwalifika ingusta, is-socjeta' rikorrenti sofriet danni ghal liema danni huwa responsabbli l-konvenut;

"3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti kif premess;

"4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni likwidati ai termini tat-talba precedenti;

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru 2010, u bl-imghaxx legali kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu;"

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi fl-ewwel lok għal kull buon fini huwa siewi li jigi rimarkat li ladarba l-offerta mertu ta' dawn il-proceduri inharġet qabel l-1 ta' Gunju 2010 allura skond ir-regolament 86 kurrenti tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (Ligi Sussidjarja 174.04) ghandhom ikunu applikabbli l-ligijiet li kienu fis-sehh qabel l-1 ta' Gunju 2010;

"2. Illi dejjem in linea preliminari fl-umili fehma tal-esponent ikun ahjar li l-intimat jitnizzel fl-okkju tal-kawza bhala "Direttur tal-Kuntratti" u dan biex ikun hemm konformita mad-dispost riportat fir-regolament 5(1)) kif kien vigenti waqt is-sejha ghall-offerti fil-kaz in ezami. Tali korrezzjoni ghandha tintalab bl-applikazzjoni tal-artikolu 175 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"3. Illi in limine litis ukoll l-azzjoni attrici hija irritwali u nulla ghaliex din ma gietxipprezentata fi zmien għaxart ijiem mid-decizjoni finali tal-Bord tal-Appell

kif hekk imsemmi fir-regolament 84(19) u dan in vista tal-emenda li kienet giet introdotta bir-regolament 4 tal-Avviż Legali 233 tal-2009 (Dok. CFS1);

"4. Illi subordinatament minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, dwar il-mertu tal-ewwel talba jinghad li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici tat-18 ta' Novembru 2010 kienet wahda ghal kollox gusta u moghtija fil-parametri kemm tal-paragrafu 3.6(ii) tas-sejha ghall-offerti bin-numru ta' riferenza CT109/2010 u CT2689/2009 u kif ukoll tar-regolament 51 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici applikabbli ghal dik is-sejha ghal offerti;

"5. Illi fl-ispecifiku inter alia jissokta li s-socjeta' attriċi bdiet l-operazzjonijiet taghha f'Marzu tas-sena 2009 (ara l-covering letter taghha tat-2 ta' Marzu 2010 kontenuta f'pagna 000000 ta' Dok VCS1) u cjoe cirka disa' xhur qabel ma giet ippubblikata s-sejha ghall-offerti inkwistjoni. Tassew allura hija ma setghet qatt tipprovdi, kif mitlub fil-paragrafu 3.6(ii) fuq imsemmi, elenku ta' provvisti principali moghtija lil entitajiet pubblici jew privati matul it-tliet snin ta' qabel ma hareg it-tender de quo u dan ghas-semplici fatt li fil-maggor parti ta' dak il-perijodu tat-tliet snin hija kienet ghadha ma toperax;

"6. Illi dejjem bla hsara ghas-suespost, dwar il-bqija tat-talbiet attrici, jigi rilevat li l-intimat ma kkaguna l-ebda danni lis-socjeta' attrici u fi kwalunkwe kaz id-danni pretizi minnha huma merament spekulattivi u ghalhekk ma humiex dovuti skond il-ligi;

"7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

"Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici ingunta minn issa ghas-subizzjoni;"

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, cioe`, li l-azzjoni attrici hi rritwali u nulla ghax ma gietxipprezentata fi zmien ghaxart ijiem mid-decizjoni finali tal-Bord tal-Appelli;

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 2011, li in forza taghha laqghet din l-eccezzjoni tal-konvenut, fis-sens li l-azzjoni attrici gietipprezentata *fuori termine* in vista tar-regolament 84(19) tal-Avviz Legali 233/09, u kwindi ddikjarat l-azzjoni rritwali u nulla; bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“Fatti**

“Il-fatti in kawza huma semplici. Is-socjeta’ attrici ghamlet offerta ghal tender pubbliku li hareg fit-8 ta’ Jannar 2010 bin-numru ta’ referenza CT109/2010, CT26891/2009, liema offerta giet skwalifikata ghax mhux konformi mar-rekwiziti tat-tender, u dan skond ittra tal-konvenut datata 24 ta’ Gunju 2010. Is-socjeta’ attrici pprezentat oggezzjoni formali fit-2 ta’ Lulju 2010 liema oggezzjoni giet mismugha mill-Bord tal-Appelli dwar il-kuntratti u b’decizjoni datata 18 ta’ Novembru 2010 l-oggezzjoni giet michuda. Aggravata b’din id-decizjoni s-socjeta’ attrici pprezentat il-kawza quddiem il-Qorti sabiex id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tigi revokata.

“Il-premessi cari tas-socjeta’ attrici hi illi l-oggezzjoni u l-prezenti kawza saru ai termini tal-Avviz Legali 177/2005, parti mill-Public Contracts Regulations.

“Il-konvenut qed jirrispondi b’mod semplici illi dan l-avviz legali, almenu fejn jirrigwarda r-regoli li ghandhom jigu osservati ghal prezentata ta’ kawza wara cahda tal-Bord tal-Appelli gie superat bl-Avviz Legali 233/2009.

“Il-partijiet jaqblu illi r-regolamenti li ghandhom ighoddu ghal din il-vertenza odjerna huma dawk imnissla mil-ligi sussidjarja 174.04 (Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici) kif kienu vigenti qabel l-1 ta’ Gunju 2010, u dan skond regolament 86 tal-istess regolamenti.

**“Ligi**

“Hu ghalhekk opportun f’dan l-istadju illi wiehed ihares lejn dak li qed jibbaza fuqu l-konvenut in sostenn tal-eccezzjoni tieghu.

“L-artikolu 84(19) tal-Public Contract Regulations kif mibdul bl-Avviz Legali 233/09 ighid hekk:

> “Any bidder submitting a complaint and who shall not be satisfied with the final decision taken by the Appeals Board shall refer the matter to the First Hall of the Civil Court within a period of ten days from the final decision of the Appeals Board. Such recourse shall not however delay the Director of Contracts or the Head of a contracting authority from implementing the Appeals Board’s final decision.”

“Harsa lejn l-istess artikolu kif kien qabel gie mibdul cioe kif kien vigenti bl-emendi tal-Avviz Legali 177/2005 juri illi l-kliem ”within a period of ten days from the final decision of the Appeals Board” ma kienx jezistu.

“Hu car illi japplika bla dubbju l-Avviz Legali 233/2009 ghal finijiet tal-proceduri applikabbli ghal min, bhas-socjeta’ attrici, riedet tavvali ruhha mill-fakolta li taderixxi lil Qorti ordinarja jekk hasset li ma kienitx sodisfatta bid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli (kliem tal-ligi stess). Din il-fakolta pero kienet marbuta ma terminu perentorju impost mill-ligi specjali stess sabiex il-persuna aggravata tirrikorri lejn il-Qorti ordinarja. Din il-Qorti tirriferi ghas-sentenza citata mid-difensur tal-konvenut in materja. Fil-kawzi **Giuseppe Caruana vs Charles sive Charlie Psaila,** Appell, 21 ta’ Marzu 1997 li giet imhaddna fis-sentenzi ricensjuri **Earthcare Company Limited vs Kunsill Lokali Valletta**, Appell Inferjuri, 7 ta’ Novembru 2008 u **Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd**, Appell Inferjuri, 12 ta’ Frar 2010) intqal li l-osservanza tat-termini stabbiliti

fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

"Kif imbaghad intqal fis-sentenza **Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority**, Appell mill-Bord ta' l-Apelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007), "In-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk necessarja ghal-raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita".

"Mill-provi fl-atti jidher li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli inghatat fit-18 ta' Novembru 2010 (ara Dok. VCS3) u l-kawza infethet fil-21 ta' Jannar 2011, hafna oltre t-terminu fakoltativ impost mill-ligi.

"Hu car ghalhekk illi din il-kawza saret fuori termine u kwindi rritwali u bla ebda effett fil-konfront tal-konvenut.

"Wiehed jista' jargumenta illi din in-nullita mhix wahda minn dawk li l-Kapitolu 12 fl-artikolu 789 isemmi bhala li twassal ghal nullita tal-att. Din il-Qorti ma taqbilx. It-termini perentorji huma imposti mill-ligi bhala salvagwardja ghad-drittijiet kemm ta' dawk li favur taghhom hu konness id-dritt tal-azzjoni u fil-konfront ta' terzi li ma ghandhomx jibqghu fi stat incert tad-dritt. L-artikolu 105 tal-Kapitolu 12 infatti jistabilixxi illi kull zmien legali jew gudizjali jghaddi ukoll kontra l-persuni li favur taghhom il-beneficju taz-zmien ikun inghata.

"F'dan il-kaz it-terminu mpost mill-ligi (shall) sar bl-iskop preciz li jkun hemm certezza tad-drittijiet tal-partijiet entro limiti moghtija mill-ligi. In-nuqqas ta' azzjoni f'dak it-terminu wassal ghal sitwazzjoni inevitabbli u irriversibbli ta' rinunzja ghall-access lejn il-Qrati fuq dik il-vertenza kolpita. Kwindi kull att gudizjarju pprezentat barra miz-zmien iwassal ghal irritwalita tieghu u per konsegwenza n-nullita tieghu bhala mezz ta' azzjoni fil-konfront tal-konvenut quddiem il-Qrati ordinarji."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "… … thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Vassallo Concrete Services Ltd (C46055) v. Direttur Generali (Kuntratti) u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2011 l-isem tal-konvenut gie korrett ghal Direttur tal-Kuntratti*, datata 4 ta' Ottubru 2011, u filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti appellat, tirrimetti l-atti tal-kawza mill-gdid quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh fil-mertu."

Rat ir-risposta tad-Direttur konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … tirrespingi u tichad ir-rikors tal-appell imressaq mis-socjeta` appellanti u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet fuq premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed tilmenta minn decizjoni li ha l-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici fit-18 ta' Novembru 2010, li biha giet michuda oggezzjoni li ressqet wara li offerta li tefghet ghall-kuntratt pubbliku ghall-provvista ta' konkos giet michuda. Is-socjeta` attrici espressament invokat ir-regolament 84(19) tal-Avviz Legali 177/05, li jghid li min ihossu aggravat b'decizjoni tal-Bord seta' jirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Jidher li s-socjeta` attrici ma ndunatx li dan l-artikolu gie mibdul bl-Avviz Legali 233/09 li jrid li tali rikors isir fi zmien ghaxart ijiem mid-data tad-decizjoni tal-Bord. Hu fatt li din il-kawza nfethet oltre xahrejn wara li nghatat id-decizjoni tal-Bord u ghalhekk, l-ewwel Qorti ddikjarat il-kawza nulla u irritwali.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza, pero`, din il-Qorti tqis l-appell intavolat hu pjuttost frivolu fid-dawl tad-disposizzjoni espressa tal-ligi kif kienet dak iz-zmien.

Indipendentement minn kif l-ewwel Qorti qieset l-azzjoni attrici, hu car li din il-kawza saret a bazi tar-regolament 84(19) invokat espressament mis-socjeta` attrici ghar-rimedju minnha mitlub, u dan ir-regolament jghid car u tond li l-kawza trid issir fi zmien ghaxart ijiem mid-decizjoni finali tal-Bord. Id-distinzjoni li tipprova taghmel is-socjeta` appellanti bejn terminu ta' preskrizzjoni u dak ta' dekadenza jew bejn dekadenza dwar id-dritt soggettiv u d-dritt procedurali, ma hux rilevanti ghall-kwistjoni in materja, ghax darba l-ligi timponi terminu ghal

prezentata ta' att gudizzjarju dak it-terminu huwa ta' ordni pubbliku, huwa rrinunzjabbli u ma jistax jigi estiz. Hawn mhux qed nitkellmu fuq terminu ta' preskrizzjoni marbut ma' ezercizzju ta' dritt, izda ma terminu marbut ma' ezercizzju ta' rimedju koncess bil-ligi, u dak ir-rimedju jrid jigi ezercitat fi zmien li timponi l-ligi, u mhux meta jrid dak li jkun.

F'dan ir-rigward, huwa pacifiku li biex azzjoni gudizzjarja tkun valida tehtieg li din tissodisfa r-rekwiziti kollha li timponi fuqha l-ligi, u n-nuqqas ta' konformita` ma' dawn ir-rekwiziti jgib in-nullita` tal-istess att. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Sammut v. Pellegrini Petit**, deciza fis-16 ta' Novembru 1920:

> *"… … quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e` termine di decadenza, nel senso che decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile."*

It-termini procedurali huma termini li jolqtu z-zmien li fih att gudizzjarju ghandu jigi pprezentat, liema att jitqies irritu u null jekk ma jigix ipprezentat fi zmien preskritt. In-nuqqas ta' osservanza ta' terminu bhal dan huwa sollevabli *ex officio* peress illi r-regoli li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-qrati huma ta' ordni pubbliku, u ma jistax jigi permess il-kuntrarju ta' dak stabbilit, anke jekk hemm qbil bejn il-partijiet.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, mhux materjali jekk din l-azzjoni ghandhiex tigi kkunsidrata bhala kontinwazzjoni fi grad superjuri tal-proceduri mibdija quddiem il-Bord tal-Appell jew azzjoni *ex novo*, ghax f’kull kaz, hi azzjoni li kellha ssir f’terminu pre-determinat, mhux bhala preskrizzjoni, izda bhala zmien koncess biex jintalab rimedju specifiku u allura kellu jigi segwit *ad ungwem*.

B’lenti ohra, din l-azzjoni ta’ riferenza tista’ anke tixxebbah mal-azzjoni tal-istharrig gudizzjarju kif regolata taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Hawnhekk il-gurisprudenza tenniet li it-terminu li fih tista’ titressaq l-azzjoni ta’ stharrig gudizzjarju huwa wiehed perentorju li ma jistax jigi mtawwal (ara perezempju **Azzopardi v. Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, fl-14 ta’ Dicembru 2007).

Ghalhekk bi process analogiku, bhalma huwa perentorju u improrogabbli t-terminu biex titmexxa l-azzjoni ta’ stharrig gudizzjarju taht l-imsemmi Artikolu 469A, hekk ukoll ghandu jitqies perentorju u improrogabbli z-zmien li fih trid issir ir-riferenza a tenur tar-regolament 84(19) tar-regolamenti tal-kuntratti pubblici.

Is-socjeta` appellanti tinsisti li l-eccezzjoni relattiva kellha tigi rigettata peress illi saret fis-sens li l-kawza hija irrita u nulla izda kellha se mai, issir fis-sens li hija milquta bid-dekadenza. Din il-Qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok, il-gurisprudenza hi fis-sens li t-termini jehtieg li jigu osservati taht piena ta' rritwalita` u nullita` - ara, perezempju, id-decizjoni li tat din il-Qorti fil-21 ta' Marzu 1997, fil-kawza **Caruana v. Psaila**. Fit-tieni lok, l-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili iqies null kull att nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi, u att *fuori termine* huwa nieqes minn dik il-partikolarita` li trid il-ligi. Fit-tielet lok, id-Direttur konvenut qal b'mod car li l-eccezzjoni hija bbazata fuq il-fatt li l-kawza gietipprezentata tardivament u gew uzati l-kliem tal-ligi; din l-eccezzjoni, f'dan il-kuntest, hija ghalhekk valida, titqies kif tista' titqies.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` Vassallo Concrete Services Limited billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-imsemmija socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------